# Czech Republic
# PRAGUE



Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u taxxi mħallsha)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €900 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €910 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,160 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €790 |
| NYE Dinner & Show | POR |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-KM Malta Air : Malta-Praga-Malta
- 20 kgs Bagalja + Hand Luggage
- Eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t'iljieli - Hotel Archibald – 4 star
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Fund

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom.*

## 29 TA' DIĊEMBRU - 02 TA' JANNAR 2027

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Prague, Karlovy Vary, Cesky Krumlov**

**It-Tlieta 29 ta' Diċembru**
Niltaqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-14:45 għat-titjira KM538 li titlaq fis-17:20 u naslu Praga fid-19:50. Wara nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Archibald City – 4 star.** Sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu. Ħdejn il-lukanda hawn diversi restaurants bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.

**L-Erbgħa 30 ta' Diċembru**
Buffet breakfast u eskursjoni għal **Český Krumlov**, li hi meqjusa bħala l-isbaħ belt tal-Bohemia. Din il-belt protetta u meqjusa mill-Unesco bħala World Heritage tgawdi xenarju mill-isbaħ. Fi triqitna lejn Český Krumlov, li jinsab fuq ix-xmara Vltava, niltaqgħu ma' għadd ta' villaġġi ħelwin u kampanja spettakolari. Inżuru ċ-ċentru storiku kif ukoll il-kastell (dħul extra). Inżuru wkoll il-Xmas Market fi "Svornosti Square". Nirritornaw lura l-hotel u jkollna l-opportunità li nkomplu nżuru Christmas Markets oħra ġol-belt sabiħa ta' Praga.

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru**
Il-belt ta' Praga għandha wisq x'toffri lit-turist, għalhekk illum ikollna **city tour ta' Praga biex** naraw parti minn din il-belt bħal Prague Castle, kumpless kbir ta' bini fejn fost l-oħrajn hawn il-Kastell ta' St.Vitus, il-Bażilika ta' San Ġorġ u l-Palazz Irjali. Inkomplu billi nżuru l-knisja fejn hemm il-Bambin ta' Praga, Kampa Island, Charles Bridge eċċ. Wara jkollkom ħin liberu biex tkomplu tesploraw din il-belt meraviljuża mżejna għall-festi tal-Milied. Filgħaxija ser norganizzaw serata mill-isbaħ (mhux inkluża) b'ikel, xorb, kant, żfin u allegrija! Jew tista' tiċċelebra tmiem is-sena fil-pjazza prinċipali.

**Il-Ġimgħa 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba**
Illum ġurnata "relaxed"! Breakfast. Tard filgħodu min irid jista' jingħaqad mat-tour leader biex inżuru l-**Botanical Gardens** u ż-**Żoo** (transport u entratura mhux inklużi), li huma attrazzjoni fil-belt ta' Praga. Naraw Polar Bears, Red Pandas, tigri... Wara nirritornaw lura l-hotel u ħin liberu. Illum il-Xmas Markets fl-Old Town, **Wenceslas Square** u Na Kampě Square ikunu miftuħin sat-22:00.

**Is-Sibt 02 ta' Jannar**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Karlovy Vary** fil-Punent tal-Bohemia, fejn matul il-vjaġġ tagħna ser ikollna l-opportunità li napprezzaw il-kampanja ta' din iż-żona sakemm naslu. Il-belt ta' Karlovy Vary tinsab f'wied tassew sabiħ. Flimkien mal-gwida nżuru l-Knisja ta' Maria Magdalena, naraw il-famużi Spa Colonnades u l-funtani. Hawn magħruf ħafna għax-xogħol tal-kristall u nsibu waħda mill-aqwa brands fid-dinja. Ma tistax tkun Karlovy Vary u ma ddugx il-famużi wafers li huma tant delizzjużi, kif ukoll il-liquor tradizzjonali Becherovka u sintendi l-ilma naturali tal-mineral springs. Ħin liberu u wara nkomplu lejn l-ajruport għat-titjira tal-KM Malta Air KM539 li titlaq fl-20:40 u naslu Malta fl-22:10.